MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 63

22 ta' Mejju 2024

Minuti tas-seduta Nru. 63 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 24 ta' Mejju 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 62 tal-24 ta' April 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minuti 2024 - Mellieha (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. 125 Anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa (S/6/Vol VII)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 5.4.3. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal imejl datat 7 ta' Mejju 2024, mibgħut mis-Soċietà Filarmonica La Vittoria, fejn qed għarrfu li l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Kunsill mhux ser tkun biżżejjed biex tkopri l-ispiża kollha tal-attività u għaldaqstant appellaw sabiex ikun hemm finanzjament addizzjonali ta' €2,000 taħt il-vot tal-kultura amministrat mir-Reġjun Tramuntana

2.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq rakkomandazzjoni lill-Kunsill Reġjonali sabiex jalloka s-somma mitluba mill-Fond Kulturali allokat għall-Mellieħa.

### 2.2.1. Servizz dwar il-tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal imejl datat 20 ta' Mejju 2024, mibgħut mill-Cleansing and Maintenance Division (CMD), fejn l-istess diviżjoni wieġbet li ma jsibu ebda oġġezzjoni li l-ftehim attwali jiġi estiż b'erbgħa xhur, minħabba l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-24 ta' Mejju 2024 ser issir preżentazzjoni tat-tagħmir mekkanizzat li ser jintuża biex jingħata parti mis-servizz fil-lokalità. Dan ser isir f'Misraħ il-Parroċċa mill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. C. Bartolo u ms-Segretarju Parlamentari l-Onor G. Beddingfield u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni s-Sur R. Deguara.

2.2.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## .2.3.1. Manutenzjoni tas-sistema idroponika fil-Park tal-Familja (P/10/34)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 13.3. fil-minuti tas-Seduta Nru. 60 tas-27 ta' Frar 2024, dwar il-ħlasijiet mitluba b'rabta mas-servizz imsemmi, liema pożiżżjoni ġiet komunikata lill-kuntrattur konċernat.

2.3.3. Permezz ta' imejl datat 15 ta' Mejju 2024 l-istess kuntrattur wieġeb li l-kontijiet li huwa ħareġ huma relatat ma' xogħol ta' manutenzjoni provdut. Dan ix-xogħol kien jinkludi żjarat perjodiċi regolari u l-interventi kollha meħtieġa, biex ikun żgurat li s-sistema, inklużi l-*fittings* u l-istrutturi kollha jkunu jaħdmu.

2.3.4. Fl-istess korrispondenza kien spejgat li l-proġett dejjem kien ikkunsidrat bħala wieħed pilota, minħabba l-fatt li t-tkabbir ta' pjanti indiġeni f'sistema idroponika innovattiva kien approċċ innovattiv fih innifsu. Matul il-perjodu kopert bil-kontijiet sottomessi, saru diversi provi biex jinstabu l-pjanti addattati għall-kundizzjonijiet prevalenti fuq il-post, filwaqt il-progress li sar inkiseb ġie reġistrat fuq medda ta' żmien. Ġew ippruvati diversi speċi ta' pjanti li jxebilku, li sfortunatament ma ħallew ebda riżultat viżwali fuq il-post.

2.3.5. Il-kuntrattur spjega wkoll li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni li kull darba li nbidlu l-pjanti li jinġiebu minn postijiet oħra, il-kundizzjonijiet ikunu nbidlu wkoll. Fid-dawl ta' dan kollu ma jkunx ġust għaliħ, li jġorr il-piż ta' dan il-proġett sperimentali, u ma jitħallasx. Dak kollu li kien stipulat fil-kuntratt kien ipprovdut u kien meħtieġ iż-żmien biex jiġu ppruvati pjanti ġodda. Kull meta kien hemm bidla fl-ispeċi tal-pjanti kien meħtieġ li s-sistema tiġi kkalibrata mill-ġdid f'dak li huwa dożi ta' sustanzi miżjuda mal-ilma, ħinijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-ilma, eċċ.

2.3.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkonferma li l-kuntrattur ikkunsulta persuni li għandhom esperjenza fl-idroponika u esperimenta b'diversi pjanti. Huwa qal ukoll li biex dawn is-sistema jirnexxu normalment ikunu f'ambjent ikkontrollat bħalma huma s-serer. Huwa kompla jgħid li l-Park tal-Familja joffri diversi sfidi billi huwa espost għall-elementi, u t-tbagħbis li spiss isir minn nies li jiffrekwentawħ, u anke l-vandaliżmu.

2.3.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jkompli jikkonsolida fuq ir-riżultati miksuba bl-isforzi li saru. Ittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-obbligu li ġej mill-programm tal-fondi Ewropej minn fejn jirriżulta l-obbligu taaż-żamma tal-proġett għal numru ta' snin. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li kontijiet pendenti kollha għandhom jitħallsu.

## 2.4.1. Ftehim dwar l-introduzzjoni ta' *School Grannies* (S/3/2)

2.4.2 Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.5.1. tas-seduta ta' qabel, u għarrfet li fis-6 ta' Mejju 2024 saret il-laqgħa mad-direzzjoni tal-Iskola Primarja, li għaliha attendew uffiċjali mill-LESA u l-Pulizija tal-Komunità. Hija qalet ukoll li l-i*School Granies* ġew imnedija fl-20 ta' Mejju 2024, waqt attività fi Triq Edward Camilleri fejn attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri K. Buttigieg, R. Bartolo Cutajar, u A. Brincat Stellini.

2.4.3 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.5.1. Skema Ġonna fl-Urban" (A/3/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel u staqsiet dwar jekk kienux ġew identifikati postijiet fejn jistgħu jitħawwlu s-siġar.

2.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb fin-negattiv.

2.5.4. Il-Kunsill qabel li t-tħawwil possibilment jista' isir f'postijiet bħall-Park tal-Familja, Ġnien iż-Żerniq, Ġnejnet il-Kunsill, eċċ.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Żona pedonali fi Triq Ġużè Flores (T/3/2/Vol XVI)

3.1.2. Il-Viċi Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 50 tal-24 ta' Mejju 2024 dwar il-bdil ta' parti minn Triq Ġuże' Flores f'żona pedonali billi tingħalaq fiżikament għat-traffiku. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm rispons minn naħa ta' Transport Malta.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

### 3.2.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef innota li x-xogħlijiet fuq din it-triq bdew u staqsa dwar jekk kienx hemmx perjodu stabbilit sa meta dawn jitlestew.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-Kunsill m'għandux it-tagħrif mitlub.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/05/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/04/24 - 21/05/24;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2024;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tiġdid tal-ftehim dwar id-dovoluzzjoni tax-Xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2Vol II))

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-imejl datat 7 ta' Mejju 2024, fejn l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina għarrfet li fl-14 ta' Mejju 2024 jaħbat l-għoxrin anniversarju mill-ftuħ tax-xelters għall-pubbliku, li sar permezz ta' ftehim bejn il-Kunsill u l-Għaqda. Fl-istess korrispondenza ntalab sabiex l-istess ftehim jiġi mġedded bl-istess kundizzjonijiet, ħlief li l-kera jiżdied għall-€500 u jkun mġedded għal ħames snin, oħra.

5.1.3. Il-Kunsill innota li l-ftehim li għaddielu t-terminu tiegħu, ħadem tajjeb b'mor ġenerali u ntlaħqu l-għanijiet li għalihom kien sar. Kien innutat ukoll li dan jinkludi klawsoli li ma ġewx applikati, jew li jeħtieġ jiġu aġġornati. Abbażi ta' dan, il-Kunsill qabel li dan għandu jiġġedded, iżda ddeċieda li f'dan l-istadju ma jkunx prudenti li jorbot il-Kunsill Lokali li jmiss, illi l-mandat tiegħu jibda f'Lulju 2024.

### 5.2.1. Tabelli *STOP - GIVE WAY* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XVII)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' April 2024, mibgħut mill-Malta Public Transport, fejn intalab li jsiru t-tabelli msemmija fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kantuniera ma' Triq Qalb Imqaddsa u ma' Triq it-Tonn. Dan intalab għaliex ma jgħaddux karozzi tal-linja u vettura oħra fl-istess ħin direzzjonijiet opposti

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirrakkonda din it-talba lil Transport Malta bil-għan li tiġi mplimentata.

**5.3.1. Xoghlijiet fuq is-sistema tad-distribuzzjoni ta' *New Water* fit-triq tal-Miżieb u l-Imbordin** **(W/2/Vol II)**

5.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal laqgħa onlajn li saret fit-3 ta' Mejju 2024 ma' uffiċjali mill-Korporazzjoni tal-Ilma dwar il-possibiltà li jkompli għaddej ix-xogħol imsemmi, bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2024, bil-għan li dan jitlesta sa ma jinfetħu l-iskejjel. L-għażla l-oħra hija li jieqaf ix-xogħol bil-għan li t-triq tibqa' miftuħa għat-traffiku tul is-sajf kollu. Iż-żewġ alternattivi qed jiġu kkunsidrati.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-triq tal-Miżieb tibqa' miftuħa bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2024, sabiex titnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku fil-ġranet kollha tal-ġimgħa matul ix-xhur tas-sajf, fit-Telgħa ta' Selmun, u fi Triq il-Mellieħa. Din l-għażla saret, minkejja li tali azzjoni tittardja d-data finali tat-tlestija tal-proġett.

**5.4.1. Xogħol ta' skavar fis-sede tas-Società La Vittoria** **(A/6/3/1/Vol 168)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 7 ta' Mejju 2024, fejn id-direzzjoni tas-soċjetà msemmija, bħala organizzazzjoni volontarja, talbet li tiġi eżentata mill-ħlas tal-permessi sabiex titpoġġa *skip* kbira fi Triq San Pawl, bil-għan li jitgħabba fiha t-terrapien li jinqata.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li organizzazzjonijiet volontarji reġistrati bħala tali għandhom jiġu eżentati mill-ħlas dovut taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (L.S.441.04).

**5.4.1. Kunċert f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** **(S/6/Vol VII)**

5.4.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' April 2024 fejn il-JP2 Foundation talbet permess sabiex jittellgħa kunċert mill-Abbey School Band mir-Renju Unit fis-7 ta' Lulju 2024 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Kunsill intalab jissieħeb f'din l-attività billi jipprovdi s-siġġijiet u sistema żgħir tal-awdjo.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-parroċċa sabiex tgħin fir-rigward tas-siġġiet, fil-waqt li qabel ukoll illi jipprovdi l-awdjo. Kien hemm qbil ukoll sabiex isir suġġerimiment lill-organizzaturi ħalli l-kunċert isir fil-bitħa tas-Santwarju biex b'hekk ikun hemm inqas distrazzjonijiet għall-mużiċisti, l-udjenza, u l-pubbliku preżenti. L-għażla suġġerita hija iżda soġġetta għall-permess mill-Arċipriet tal-Mellieħa.

**5.5.1. Tqassim ta' spazji ghall-ipparkjar fil-parkegg ta' Paradise Bay** **(T/4/7/Vol II)**

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Mejju 2024, fejn Infrastructure Malta għaddew pjanta li turi tqassim ġdid tal-ispażji għall-ipparkjar fil-parkeġġ imsemmi, bħala parti mix-xogħlijiet ta' titjib li ser isir.

5.5.3. Il-Kunsill approva t-tqassim kif jidher fuq il-pjanta msemmija ġie għar-raġuni li jimmassimizza n-numru ta' spazji għall-ipparkeġġ fl-erja disponibbli. Kien innutat ukoll li skont il-pjanta, il-pubbliku ser ikun jista' jieqaf u jġawdi l-veduta li joffru l-istess inħawi.

**5.6.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fuq mollijiet wżati mis-sajjieda** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' April 2024, fejn is-Segretarjat Parlamentari għas-Sajd, Akwakultura talab li jiġu pprovduti faċilitajiet fuq il-Moll tat-Tunnara, Il-Moll tan-Nofsinhar, u fil-parti ta' barra tat-Terminal taċ-Ċirkewwa.

5.6.3. Il-Kunsill ra l-pjanta tal-Moll tat-Tunnara (Ref: AFD423-010), fejn ġie propost li jkun hemm erba' spazji riżervati għall-opri tas-sajjieda, spazju li jitħalla ħieles fejn hemm il-plier tas-servizzi, flimkien ma' kuridur immarkat "Keep Clear" bi dritt il-moll fejn jorbtu il-laneċ ta' Kemmuna. Għal mistoqsijiet li saru fis-seduta preċedenti, il-periti nkrigati wieġbu li l-postijiet

riżervati ser jokkupaw parti żgħir mill-modmd qrib id-daħla tal-*breakwater* fejn jorbtu ta' Kemmuna. Dan l-arranġament qed jipproponu li jkun għas-sena kollha.

5.6.4. Filwaqt li l-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni għaż-żewġ talbiet taċ-Ċirkewwa, qabel li dawn jiġu mgħoddija wkoll lil Transport Malta, flimkien ma' dik tal-Moll tat-Tunnara, peress li l-istess Awtorità hija responsabbli mill-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-mollijiet.

### 5.7.1. Faċilità għall-ħatt/tagħbija fi Triq Sant' Anna (T/3/2/Vol XVII)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Mejju 2024, fejn l-operatur ta' Allneeds Hardware Store talab li jingħata l-faċilità msemmija. Bħala alternattiva talbu li jiġi ntrodott parkeġġ limitat għall-15-il minuta. Dan intalab peress li l-ispazju faċċata tal-ħanut ikun okkupat il-ġurnata kollha u għalhekk qed tiġi ngumbrata l-karreġġjata biex isir ħatt u tagħbija.

5.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba għandha tinżamm pendenti sakemm tibda tiffunzjoni il-binja ta' faċċata, li attwalment għadha fi stat ta' kostruzzjoni.

### 5.8.1. Linji gwida ġodda dwar l-Iskema tal-Cat Feeders (A/9/Vol III)

5.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għal stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Animal Health and Welfare fit-22 ta' Mejju 2024, fejn tħabbru linji gwidi ġodda li fost kundizzjonijiet ġodda jesigu li l-cat feeders kollha għandhom ikunu reġistrati bħala tali mal-Kunsill Lokali.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Danni kkważati fuq vettura numru ICI 773 fit-Triq il-Mellieħa (D/5/Vol II)

5.9.2. Saret referenza għal talba minn sid ta' vettura li allegatament kienet qed tinstaq fi Triq il-Mellieħa fl-inħawi Tat-Tomna fil-18 ta' April 2024 għall-ħabta tas-1:15 pm, fejn ġie rrappurtat li nqasam *tyre* li swielu €180 biex inbidel. It-talba kienet akkumpanjata b'rapport li sar mal-Pulizija.

5.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-vettura kienet qed tinstaq wisq qrib it-tarf tal-karreġġjata biex ir-roti tagħha għaddew minn fuq il-ġebel indikat fir-ritratti mehmuża mat-talba. Kien hemm qbil ukoll li minkejja r-rappor tal-Pulizija ma jissemmewx xhieda oħra li kienu preżenti jew prova oħra li l-inċident verament fil-post indikat.

### 5.10.1. Armar ta' *screen* kbir f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/1 Vol 139)

5.10.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Mejju 2024 fejn l-operatur ta' Square Gastro Bar talab li jarma *screen* kbir u jokkupa erba' postijiet għall-ipparkar quddiem id-Dar Parrokjali tul il-perjodu tal-Eurocup li ser titlagħab bejn l-14 ta' Ġunju u l-14 ta' Lulju 2024.

5.10.3. Il-Kunsill iddeċieda li mgħandux jikkommetti aktar spazju pubbliku għat-tul taż-żmien indikat.

### 5.11.1. Kors fir-restawr tal-affreski (S/6/Vol VII)

5.11.2. Saret referenza għall-minuta 5.1.1. fil-minuti tas-Seduta Nru. 60 tal-27 ta' Marzu 2024 dwar is-suġġett t'hawn fuq. Il-Kunsill ġie mgħarraf li b'żieda mat-talba tagħhom tas-6 ta' Frar 2024, l-Art Club 2000 appellaw lill-Kunsill sabiex jirrakkomanda lill-Kunsill Reġjonali ħalli tingħata għajnuna finanzjarja, li tissuplimenta dik diġa approvata mill-istess Kunsill b'riżq il-kors fir-restawr tal-affreski li ser isir bil-kollaborazzjoni mal-Comune di Treglio u l-Associazione Culturale per L'Affresco bbażati fi Chieti fl-Abruzzo fl-Italja bejn it-8 u t-13 ta' Lulju 2024.

5.11.3. Il-Kunsill laqa' din it-tieni, filwaqt li tenna dan fid-dawl tal-appoġġ u s-servizzi li l-istess Kunsill jirċievi mingħand l-Art Club 2000 fl-attivitajiet organizzati, il-kustodja tal-

Mużew tat-Tunnara fuq bażi volontarja, kif ukoll fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Għaldaqstant qabel li għandu jiġri rakkomandat finanzjament massimu ta' €1,300 mill-Fond Kulturali li jamministra r-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn għandhom imorru għal-ħlas tal-miżati tal-kors u parti mill-ispiża tal-akkomodazzjoni tal-istudenti.

**5.12.1. Faċilitajiet ta' hatt/tag taghbija fi Triq il-Fortizza u Triq Ta' Fuq il-Migduma (T/3/2/Vol XVII)**

5.12.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' Mejju 2024 fejn l-operatur ta' Welbee's Supermarket talab li jingħataw faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzija fit-toroq imsemmija.

5.12.3. Kien innutat li fis-Seduta Nru. 58 tas-27 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill kien qabel li ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġi riżervat spazju għall vetturi wżati minn persuni b'diżabilità fi Triq Ta' Fuq il-Migduma, kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

5.12.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex jiġi allokat spazju fi Triq il-Fortizza, bejn id-daħla tal-garaxx tal-istabbiliment imsemmi u l-kantuniera ma' Triq Ħalq iċ-Ċawl. Din id-deċiżjoni ttieħdet billi jkun hemm vetturi li ma jgħaddux mill-għoli tal-bieb tal-garaxx, li jinsab taħt l-istess binja.

**5.13.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)**

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 58 tas-27 ta' Diċembru 2023 meta l-Kunsill qabel li għandu jiġi allokat spazju għall-ħatt u tagħbija ta' merkanzija, bejn Triq il-Garżella u Misraħ tas-Salib. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-20 ta' Mejju 2024 saret spezzjoni fuq il-post minn uffiċjal ta' Transport Malta sabiex jiġi determinat jekk hemmx spazju biżżejjed għall-faċilità mitluba. Għall-istess laqgħa attendew ukoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

5.13.3. Is-Sur C. Debono spjega li fuq il-post kien hemm qbil li l-parkeġġ riżervat eżistenti u l-faċilità mitluba jistgħu jsiru eżatt mal-*pelican crossing* fuq in-naħa ta' Triq il-Garżella. Il-*bus bay* eżistenti tista' tiġi spusstjata eżatt man-naħa l-oħra tal-buildout fid-direzzjoni ta' Misraħ tas-Salib. Ittieħed in konsiderazzjoni l-ispazji mehtieġa fuq iż-żewġ naħat tal-bus bay sabiex il-karozzi tal-linja jkollhom fejn jikkwartjaw. Il-proposta tinvoli wkoll li l-ispazju riżervat għal-vetturi ta' persuni b'diżabilità u jiġi trasferit għan-naħa l-oħra tal-buildout fid-direzzjoni ta ' Triq il-Garżella u eżatt miegħu jiġi l-ispazju li qed jintalab għall-ħatt u tagħbija. L-istess uffiċjal kellu jirrapporta lill-Transport Malta sabiex jiġi stabbilit jekk dan l-arranġament huwiex fattibbli.

5.13.4. Il-Kunsillieri E. Bartolo u J. Gauci esprimew ir-riżervi tagħhom dwar l-arranġament imsemmi fil-minuta preċedenti, peress li *bus bay* ser tiġi qrib wisq il-ħruġ minn Triq Għajn Żejtuna.

**5.14.1. Żjara mill-Unit għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*mobile blood unit* ser ikun fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju 2024, fi Triq Selmun.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Skema (SPI/SCI/1/2024) dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2024/2025 (R/2/Vol III)**

5.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-iskema msemmija li tinvolvi xogħlijiet illi jitwettqu direttament mid-Direttorat tar-Restawr u l-Priżervazzjoni. Huwa fakkar li kienet ġiet sottomessa talba għar-restawr ta' żewġ monumenti tal-konkos li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Manikata, li saru fuq disinn tal-Perit Richard England. Il-Kunsill

ġie mgħarraf li f'konferenza stampa li saret mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali l-Onor. O. Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. A. Zerafa Civelli, fis-16 ta' Mejju 2024 fejn ħabbar li t-talba ġiet aċċettata.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Sewqan perikoluż fi Triq Edward Camilleri (T/3/2/Vol XVII)**

5.13.2 Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għal periklu li jeżisti fit-triq imsemmija bil-volum ta' traffiku li jgħaddi minnha fejn hemm ċentru ta' kura għat-tfal, kindergarten, gymnasium, u n-nursery tal-Mellieħa Sport Club. Huwa ppropona li jiġu ntrodotti miżuri bħalma huma *bollards* f'nofs il-karreġġjata sabiex is-sewwieqa jinġiebu konxji tal-periklu eżistenti.

5.13.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-introduzzjoni tal-*bollards* tista' ma tħallix l-effett mixtieq, minħabba li dawn ikunu jiġu nterrotti bi dritt Triq Vincenzo Ciappara, Triq il-Modd, Triq l-Assedju l-Kbir, kif ukoll id-dħul u l-ħruġ tas-*service station*.

5.13.4. Minkejja li l-Kunsill ma kienx ċar fuq liema tip ta' miżura hija addatata bħalma huma *rumble strips*, *speed humps*, eċċ, kien hemm qbil li ċ-ċirkostanzi prevalenti fi Triq Edward Camilleri għandhom jinġiebu għall-attenzjoni ta' Transport Malta bil-għan li jiġu jdentifikati s-soluzzjoni fattibbli minn naħa tagħhom.#

**5.14.1. Simposju dwar skultura monumentali f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)**

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għaż-żjara ta' delegazzjoni mill-Kunsill li saret bejn id-9 u t-13 ta' Mejju 2024 f'Cavriglia, fejn kien għaddej is-simposju permezz ta' numru ta' artisti ġejjin minn diversi artisti. Dawn kienu mpenjati jiskolpu figuri monumentali fit-travertin fuq tema li tittratta l-atti li saru mill-forzi Nazi-Faxxisti fir-Reġjun tat-Toscana fil-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan isir kull sentejn, u jkun xieraq li l-Mellieħa tkun rappreżentata fis-simposju li jdum għaddej xahar sħiħ.

5.14.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għal żjarat li saru fl-ibliet Toscani ta' Siena u Firenzi, Saru wkoll żjarat f' postijiet storiċi, kif ukoll proġetti tal-Kunsill li jinsabu fil-territorju ta' Cavriglia. Id-delegazzjoni wkoll attendiet għal kunċert mogħti mis-Società Filarmonica Umberto Giordano fis-sala komunali, li għaliha kienu preżenti s-Sindku tal-Kunsill Lokali Franċiż tewmi ta' La Chapelle Saint Mesmin, li kien akkumpanjat minn grupp ta' persuni mill-istess lokalità. Intqal ukoll illi l-kuntatti li kien hemm mal-membri eletti u uffiċjali tal-Comune di Cavriglia kienu kordjali ħafna u ċertament li servew sabiex tiġġedded il-ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. PA 2731/24 – Żvilupp agri-turistiku f'Tat-Tomna – Triq Lewis Wettinger (P/5/8/T)**

5.15.2. Fil-bidu tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sindku D. Vella ddikjara li l-applikant huwa żijuħ u għalhekk irtira mil-laqgħa skont kif mitlub bl-Artiklu 19 tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

2.4.2. Kien spjegat li l-applikazzjoni tinvolvi t-twaqqiegħ ta' parti minn razzett eżistenti (Klassi 7) u bdil fl-użu tal-post għal wieħed relatat mal-agri-turiżmu. Dan jikkonsisti f'sitt kmamar ta' akkomodazzjoni, sala, kċina miftuħa, żona fejn jisserva l-ikel u faċilitajiet anċillari oħra. L-istess applikazzjoni tinvolvi s-sanzjonar ta' ċaqliq żgħir ta' post fejn jinżamm id-demel tal-bhejjem u rejallinjament ta' parti mill-ħajt tal-konfini.

2.4.3. Kien innutat li mill-pjanti sottomessi jidher illi jeżistu toroq pubbliċi li ser jiġu affettwati. Dawn iwasslu għal raba u proprjetà oħra li hemm fl-inħawi. Ittieħed in konsiderazzjoni li r-*Rural Policy and Design Guidance* tal-2014 tippermetti bdil fl-użu, jew l-iżvilupp mill-

ġdid ta' bini diġà kopert bil-permess fi ħdan intrapriża tal-biedja stabbilita, sakemm l-ispazju totali tal-art iddedikat għall-akkomodazzjoni u faċilitajiet anċillari ma jkunx akbar minn 200 metru kwadru. Tgħid ukoll li il-bini ta' sostituzzjoni ma jaqbiżx l-erja totali tal-art tal-bini/i preċedenti.

2.4.4. Fid-dawl tal-punti teckniċi msemmija aktar '1 fuq, il-Kunsill qabel li għandu jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu għall-applikazzjoni peress li hija f'kunflitt mal-policy u l-linji gwida msemmija, filwaqt li l-impronta tal-iżvilupp propost mhux jirrikonoxxi toroq rurali li ilhom stabbiliti, liema toroq jipprovdu aċċess għar-raba u faċilitajiet oħra fiż-żona, li jappartjenu lil terzi. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikseb konsulenza bil-għan li jkompli jsegwi l-applikazzjoni.

## 6.1. Siti għall-*caravans* ġewwa l-Aħrax (B/5/Vol IV)

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta' Mejju 2024 saret laqgħa mal-Ministru tal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. O. Bonnici fejn il-Kunsill intalab jikkonsidra siti addizzjonali għat-tqegħid ta' *caravans*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li s-siti approvati fl-2023 kienu il-Qortin it-Twil, l-Armier iż-Zgħir, u fir-Ramla tat-Torri l-Abjad.

6.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li waqt il-laqgħa msemmija ġew ikkunsidrati siti addizzjonali fiċ-Ċirkewwa biswit il-*beach concession* tal-Paradise Bay Resort, u fil-Marfa biswit il-Palazz tal-Marfa.

6.4. Il-Kunsill approva s-siti ndikati u osserva li jeħtieġ li jsir infurzar, kemm sabiex jiġi żgurat li l-istess siti ma jiġux okkupati llegalment għal xi skop ieħor, kif ukoll sabiex l-istazzjonar tal-*caravans* isir bl-ordni u ma jiġix okkupat spazju aktar milli meħtieġ.

6.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li fir-rigward tal-Qortin it-Twil, fejn diġa saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar f'isem il-Kunsill bil-għan li din tkun *designated site* mgħammra bil-faċilitajiet meħtieġa. Billi l-amministrazzjoni ta' dan is-sit ser tkun fdata f'idejn il-Kunsill, għandha tintalab id-devoluzzjoni lid-Awtorità tal-Artijiet tramite d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

6.6. Il-Kunsill approva l-bidu tal-proċeduri fid-direzzjoni ndikata fil-minuta preċedenti.

## 7.1. Amministrazzjoni tal-kumpless tal-Irziezet f'Selmun minn organizzazzjoni mhux governattiva (P/10/3A)

**7**.2. Saret referenza għall-imejl datat 14 ta' Mejju 2024 fejn l-konsulent legali tal-Kunsill għadda abbozz ta' ittra sabiex tintbagħat lill-Awtorità tal-Artijiet fejn qed jintalab permess bil-għan li l-amministrazzjoni ta' din l-proprjetà tiġi mgħoddija lil xi organizzazzjoni mhux governattiva reġistrata bħala tali skond l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492). Għalhekk, hija l-intenzjoni tal-Kunsill li

**7**.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex il-proprjetà tiġi trasferita fl-intier tagħha lil għaqda volontarja waħda, wara li tinħareġ sejħa għall-offerti skont l-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti 1/2024 - Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalbu xi kjarifi mingħand żewġ offerenti u l-eżitu' tagħhom għadu qed jiġi evalwat. Peress li dawn it-tip ta' proġett huwa marbut bi skadenzi f'dak li huwa twettieq, kif ukoll diġa saret sejħa oħra, il-Kunsill intalab sabiex jawtorizza l-ipproċessar ta' din is-sejħa permezz tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni sabiex possibilment titressaq il-mozzjoni fis-seduta li jmiss, kemm-il darba jkun hemm eżitu' pożittiv fis-sottomissjonijiet li jsiru.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**9.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2024** **(F/1/1/Vol IV)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Marzu 2024 kien jammonta għal €371,128, li jikkonsisti f'€347,358 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €21,140 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, u €2,630 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€99,144 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,270,483. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,100,688, Inventarji (*Stocks*) €15,672, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €188,775.

9.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti żdiedu minn €1,509,522 għal €1,733,274. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

9.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €339,580 u tikkonsisti minn €52,109 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €216,568 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €7,711 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €63,192.

9.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €31,548. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja naqas b'20% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq 112%. Huwa stabbilit li amministrazzjoni għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm proporzjon ta' 2:1 bejn l-assi kurrenti u l-obbligazzjonijiet kurrenti.

9.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti minn minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €96,928, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €12,553,895, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,721,275, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

9.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 21 ta' Mejju 2024.

10.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn l-20 ta' April u l-21 ta' Mejju 2024.

10.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieha (gov.mt)

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-09:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**